MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Numru. 2/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**
**vs**
**Massimo Tivisini**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba llum kontra **Massimo Tivisini** ta’ 45 sena, bin Paolo u Rosaria Grazia *nee’* Corso, imwieled nhar il-5 ta’ Dicembru, 1968, residenti 52, Benrus Bldgs, Flt 1, Triq in-Naxxar, San Gwann, detentur ta’ karta tal-identita’ bin-numru 228393M;

F’dawn il-Gzejjer fl-20 ta’ Frar 2013 u fix-xhur u fil-jiem ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

Talli fl-20 ta’ Frar 2013 ghall-habta tas-19:30hrs u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal-Qormi u f’dawn il-Gzejjer gibt ruhek b’mod illi tajt fastidju lil Elenora Camilleri meta inti kont taf jew missek kont taf illi l-ghagir tieghek kien qieghed johloq fastidju lil Elenora Camilleri;

Talli fil-5 ta’ Jannar 2013 u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal-Qormi u f’dawn il-Gzejjer gibt ruhek b’mod illi tajt fastidju lil Elenora Camilleri meta inti kont taf jew missek kont taf illi l-ghagir tieghek kien qieghed johloq fastidju lil Elenora Camilleri;

Talli fit-23 ta’ Dicembru 2012 ghall-habta ta’ 19:30hrs u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal-Qormi u f’dawn il-Gzejjer gibt ruhek b’mod illi tajt fastidju lil Elenora Camilleri meta inti kont taf jew missek kont taf illi l-ghagir tieghek kien qieghed johloq fastidju lil Elenora Camilleri;

Talli fl-20 ta’ Dicembru 2012 ghall-habta tat-20:00hrs u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal-Qormi u f’dawn il-Gzejjer gibt ruhek b’mod illi tajt fastidju lil Elenora Camilleri meta inti kont taf jew missek kont taf illi l-ghagir tieghek kien qieghed johloq fastidju lil Elenora Camilleri;

Talli fit-30 t’Ottubru 2012 ghall-habta tat-22:00hrs u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal-Qormi u f’dawn il-Gzejjer gibt ruhek b’mod illi tajt fastidju lil Elenora Camilleri meta inti kont taf jew missek kont taf illi l-ghagir tieghek kien qieghed johloq fastidju lil Elenora Camilleri;

Talli fis-17 ta’ Settembru 2012 ghall-habta tas-6:30hrs u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal-Qormi u f’dawn il-Gzejjer gibt ruhek b’mod illi tajt fastidju lil Elenora Camilleri meta inti kont taf jew missek kont taf illi l-ghagir tieghek kien qieghed johloq fastidju lil Elenora Camilleri;

Talli fl-4 ta’ Settembru 2012 ghall-habta tas-6:30hrs u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal-Qormi u f’dawn il-Gzejjer gibt ruhek b’mod illi tajt fastidju lil Elenora Camilleri meta inti kont taf jew missek kont taf illi l-ghagir tieghek kien qieghed johloq fastidju lil Elenora Camilleri;

Talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li huwa gja gie misjub hati permezz ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi ma jistghux jigu bid-data;

F’kaz ta’ htija l-prosekuzzjoni titlob ukoll li tinhareg ordni ta’ protezzjoni fil-konfront ta’ Elenora Camilleri fit-termini tal-Artikolu 412 tal-Kap 9;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 251A, 49 u 50 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta illi huwa gia inghatat diversi sentenzi minn din il-Qorti diversament preseduta talli ta fastidju lill-istess kwerelanta odjerna. Wara li rat illi l-imputat ghalhekk ghandu ma fehemx l-gravita’ tas-sitwazzjoni fejn qieghed jittortura lill-kwerelanta bil-fissazzjoni tieghu lejha, liema fisazzjoni mhix wahda reciproka;

Titratta mal-imputat billi tikkundannah ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ disa (9) xhur mil-lum;

Inoltre, wara li semghet lill-kwerelanta minghajr gurament u semghet x’ghandu jghid l-imputat in difesa tieghu inniffsu stante li rrifjuta li jkun assistit minn avukat, il-Qorti hi tal-fehma illi l-kwistjoni hija wahda serja fejn l-imputat li joqghod San Gwann, jghid b’mod kategoriku illi jhobb lill-kwerelanta li toqghod Hal Qormi u li kull fejn tkun tarah quddiemha u dan minghajr qatt ma stidnietu jew taghtu x’jifhem li ghandha xi attrazzjoni lejh, il-Qorti hi tal-fehma illi hemm bizzejjed motivi sabiex jkunu applikati l-provvedimenti tal-artikolu 412C tal-Kap 9. Ghalhekk timponi fuq l-imputat ordni ta’ protezzjoni fit-termini kollha

tal-artikolu 412C Kap 9 ghal perjodu ta’ tlett (3) snin wara li l-imputat jiskonta l-piena karcerarja;

Inoltre fit-termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9, tohrog kontra l-imputat ordni ta’ trattament anke ghaliex l-imputat stess esprima x-xewqa li jircievi trattament psikjatriku ghal problema tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------